# Xi laqtiet mill-Ħajja ta' l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi

*Kitba ta' Dr. George Cassar Ph. D*

F'Malta, l-edukazzjoni mhux minn dejjem kienet tingħata l-importanza tagħha. Hu żgur li għal ħafna żmien ma kienx hawn skejjel f'Malta ħlief dawk il-ftit immexxijin minn nies privati li kienu jipprovdu xi forma ta' tagħlim lil dawk li kienu lesti jħallsu għalih. Għall-ewwel snin tas-seklu dsatax kien hemm ukoll xi organizzazzjonijiet li għenu fit-tagħlim tat-tfal għax kienu mgħejjuna minn xi benfatturi u wara mill-gvern kolonjali. Madankollu l-edukazzjoni bdiet tieħu xi naqra tar-ruħ wara ż-żjara tal-Kummissjoni mibgħuta mill-Gvern Ingliż biex tistudja l-qagħda ta' Malta in ġenerali. Rat ukoll is-sitwazzjoni ta' l-edukazzjoni fil-gżira u għamlet rakkomandazzjonijiet biex din titpoġġa fuq saqajha.[1]

Għalkemm bdew jinfetħu xi skejjel, dawn ma kinux ħafna u nfetħu biss f'numru ta' rħula biex fihom jiġbru t-tfal tal-viċinanzi. L-ewwel skejjel ġodda għas-subien kellhom jinfetħu fl-Imdina, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Lija. Dawk għall-bniet kienu maħsuba għall-Imdina, iż-Żejtun u Ħal Lija. Għalhekk is-Siġġiewi, li ma kelliex skola minn tal-bidu, kellha tinqeda bis-servizzi ta' l-iskola fir-raħal ġar ta' Ħaż-Żebbuġ bħal ma kellhom jagħmlu r-residenti ta' l-irħula taż-Żurrieq u ta' Ħal Qormi.[2] Din l-iskola kienet għas-subien imma għall-bniet ma kienx hemm waħda daqstant viċin u jekk xi ħadd mis-Siġġiewi xtaq li uliedu bniet jieħdu xi tagħlim fl-iskola tal-gvern dan kellu bil-fors jibgħathom fl-iskola ta' l-Imdina li kienet l-eqreb mit-tliet skejjel li nfetħu fil-bidu tas-seklu dsatax għas-sess femminil.

Aktar 'il quddiem matul dan l-istess seklu, is-Siġġiewi wkoll ingħatat l-ewwel skola tagħha. L-iskola kienet f'dar privata ġewwa Triq il-Kbira jew Triq Irjali, mikrija mill-gvern biex jingħata t-tagħlim lir-residenti tar-raħal.[3] Kienet normali din il-proċedura li tinkera xi dar u tintuża bħala skola u dan sar kważi fl-irħula kollha matul is-seklu dsatax. Ma setax ikun mod ieħor għax il-gvern ma kellux il-fondi biex jibni l-iskejjel kollha f'salt wieħed, u barra dan, f'dawk iż-żminijiet tal-bidu ma kienx il-każ li tibni skola għal dawk il-ftit tfal li kienu jmorru. Hekk djar privati servew għall-iskop li tiġi introdotta l-edukazzjoni qalb ir-raħħala u hekk tibda tindara.

Barra din id-dar jidher ukoll li kien hemm skola oħra fi Triq Irjali u din kienet fil-bini li fl-antik kien iservi bħala l-Armerija tas-Siġġiewi fejn qabel kienu jinżammu l-armi għall-ħarsien tad-distrett u li kienu jingħataw lill-irġiel inkarigati mid-difiża tal-gżira f'każ ta' xi attakk mill-għedewwa ta' Malta.[4]

Is-Siġġiewi nafu li tpoġġiet fit-Tieni Distrett tal-Kampanja flimkien ma' Ħaż-Żebbuġ meta dawn iż-żewġt irħula nfetħulhom l-iskejjel tagħhom. Skond ir-Rapport Annwali dwar l-Edukazzjoni għas-sena 1889-90 naraw li l-iskola tas-Siġġiewi ppreżentat 42 tifel għall-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena minn 51 li kienu miktubin. Minn dawn kienu għaddew 80.9 fil-mija jew 34 student. Mill-iskola tal-bniet kienu resqu 51 studenta minn 65 miktuba. Dawk li għaddew laħħqu s-66.6 fil-mija jew 34 tifla.[5]

Mill-istess rapport nistgħu nifhmu ftit xi kwalità ta' tagħlim u x'livell ta' studenti kien hemm fl-iskola f'dak il-mument. Dwar l-iskola tas-subien, ir-rapport uffiċċjali svela li l-progress li sar kien aċċettabli. Madankollu l-programmi tat-tagħlim ma kinux ġew eżawriti fil-klassijiet tal-kbar u d-dettatura (dictation) kienet batuta ħafna. Mill-banda l-oħra, l-attendenza kienet regulari. Minn 275 tifel ta' l-età ta' l-iskola, 53 biss kienu jattendu l-iskola tal-gvern.[6]

Dwar l-iskola tal-bniet, il-qagħda kienet pjuttost agħar. Il-progress kien deskritt bħala moderat, ħlief għall-Ingliż, id-dettatura u t-taħriġ, li kienu batuti. It-tfal kienu ndaf imma l-attendenza kienet irregolari ħafna. Minn 250 tifla ta' l-età ta' l-iskola, 73 biss kienu jattendu l-iskola tal-gvern.[7]

Jidher ċar li l-familji Siġġiewin kienu aktar moħħhom fl-attività ta' kuljum fl-għelieqi tagħhom milli fl-iskola li għal dak iż-żmien żgur li ħafna kienu jarawha bħala ħela ta' ħin. It-tfal aktar kienu utli jekk jagħtu daqqa t'id fix-xogħol tal-familja milli jekk joqogħdu l-ġurnata kollha l-iskola.

Għalkemm forsi l-iskola ma kinitx prijorità, ma jfissirx li ma kienx hemm min jipprova jimxi 'l quddiem fl-edukazzjoni. Per eżempju nafu li fost it-tfajliet ta' l-skejjel primarji, fis-sena skolastika 1921-22, tifla mis-Siġġiewi rnexxiela tieħu waħda minn ħames boroż ta' studju biex tmur fl-iskola sekondarja, u ġiet l-ewwel ukoll.[8] Is-sena ta' wara, tifla oħra Siġġiwija reġgħet ikkwalifikat għall-borża ta' studju għall-iskola sekondarja u din id-darba ġiet fit-tieni post.[9]

Żvilupp ieħor li rat l-iskola tas-Siġġiewi kien it-twaqqif ta' klassi ta' bil-lejl għan-nisa, li nfetħet fis-sena skolastika 1922-23.[10] Dan l-

iżvilupp jindika li kien hemm interess fit-tagħlim f'dan ir-raħal u dan mhux biss qalb l-irġiel imma wkoll fost in-nisa. Li kieku dan ma kienx il-każ il-gvern ma kienx se joqgħod jonfoq flus fuq skola li kienet se tibqa' vojta. Juri għalhekk li s-Siġġiwin kienu bdew isiru aktar konxji mill-edukazzjoni tagħhom.

L-iskola tar-raħal kien instabilha post ieħor ġewwa bini fil-pjazza u li wara serva biex jakkomoda l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, l-għassa tal-pulizija, il-berġa u l-każin ta' partit politiku.[11]

L-aħħar skola li kellu s-Siġġiewi, u li għadha tintuża sal-lum, infetħet matul is-sena skolastika 1949-50.[12] Din bdiet bħala skola għas-subien u xi snin wara bdiet tilqa' wkoll il-bniet. Fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor infetħet ukoll skola sekondarja f'dan l-istess bini imma din l-iskola ngħalqet u l-ispazju li nħoloq ġie utilizzat biex jakkomoda s-sezzjoni tal-kindergarten. L-iskola tas-Siġġiewi hi llum skola ta' kategorija 'ċ' jiġifieri li fiha hemm studenti mill-kindergarten sas-Sitt Sena, kollha taħt l-istess kap ta' l-iskola. Kien fis-16 ta' Ġunju tas-sena 2000 li din l-iskola ssemmiet għal Patri Ġużè Delia, il-Ġiżwita li kien ukoll poeta u edukatur.[13]

B'popolazzjoni li tlaħħaq il-570 student mill-kindergarten sas-Sitt Sena, l-Iskola Patri Ġużè Delia qed taqdi dmira fl-edukazzjoni tat-tfal Siġġiwin billi tressaqhom dejjem iżjed lejn it-tagħlim modern u tiftħilhom orizzonti ġodda għall-futur tagħhom. Issa din l-iskola qiegħda tagħmel parti mill-Kulleġġ San Injazju[14] skond is-sistema ta' kulleġġi li ġiet introdotta f'Malta u Għawdex f'dawn l-aħħar snin.

---

Referenzi

[1] Royal Commission of Enquiry: Copies or Extracts of Reports of the Commissioners appointed to inquire into the Affairs of the Island of Malta and of Correspondence thereupon, III (Londra, 1839), 42.

[2] J.J. Camilleri, 'Early Government Schools in Malta', Melita Historica, v/3 (Malta, 1970), 263, nota 16.

[3] http://www.education.gov.mt/edu/schools/siggiewi_pri_c.htm

[4] A. Guillaumier, Bliet u Rħula Maltin, iii (Malta, 1987), 778.

[5] Vice-Chancellor's Annual Report 1889-90 (Malta, 1890), IX.

[6] Ibid.

[7] Ibid.

[8] Reports on the Working of Government Departments during the Financial Year 1921-22 (Malta, 1923), Q3.

[9] Reports on the Working of Government Departments during the Financial Year 1922-23 (Malta, 1925), M2.

[10] Ibid., M1.

[11] http://www.education.gov.mt/edu/schools/siggiewi_pri_c.htm

[12] Report in the Department of Education (Malta, 1955), II.

[13] http://www.education.gov.mt/edu/schools/siggiewi_pri_c.htm

[14] http://www.education.gov.mt/edu/schools/colleges_stignatius.htm